# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 29 April, 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 5/2022 BS**

**AA u BB**

**-vs-**

**X**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat konġunt ta' AA u BB illi ppremettew:**

ILLI l-partijiet iżżewġu fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif jirriżulta miċ-ċertifkat taż-żwieġ anness u mmarkat "Dokument A";

ILLI l-partijiet ma għandhmx tfal bejniethom;

ILLI l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat ħmistax (15) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia;

ILLI ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet għalihom personalment;

ILLI l-kontendenti ilhom ma jgħixux flimkien għal prejodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti;

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' April, 2022 l-abbli difensur tal-partijiet iddikjarat il-provi magħluqa u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha;

Rat li dak tal-lum huwa rikors ġuramentat konġunt tal-konjuġi li permezz tiegħu qed it-tnejn flimkien jitolbu li din il-Qorti tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejniethom;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Mill-fatti kollha esposti u d-dokumenti kollha esebiti jirriżulta li l-partijiet jissodisfaw l-kriterji kollha neċessarji imposti mill-liġi sabiex it-talba ta' divorzju tiġi akkordata.

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur

tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur